MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Numru 724/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**John Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Farrugia** ta' 33 sena, bin Joseph u Catherine *nee'* Bonnic, imwieled Pieta' fid-29 t'Ottubru, 1970, residenti 'Dryton', nru. 14, Triq Dun Pawl Brunchel, Zejtun, u detentur tal-karta tal-identita' numru 473970M;

Talli fit-2 ta' Settembru, 2004, ghall-habta tal-5am, fi Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar;

1. volontarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied u/jew b'mod iehor (art 338(dd) tal-Kap 9);
2. attakka u/jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra zewg Gwardjani Lokali, cioe' Clayton Frendo nru G243 u Mariella Micallef nru G242, persuni nkarigati skond il-ligi jew ta' ordni moghtija lilhom skond il-ligi (art 96 tal-Kap 9).
3. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed/a li kienu nkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirjiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallhiex lil haddiehor .jaghmel dak li bil-ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien qed jaghmel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun (art 338(ee) tal-Kap 9).
4. hebb ghall-istess Clayton Frendo u Mariella Micallef kif ukoll ghal Alexander Ebejer u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikaw tobba diversi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Clayon Frendo, Mariella Micallef u Alexander Ebejer ai termini tal-Artikoli 383 u 384 tal-Kap 9

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkusnidrat:

Illi fit-2 ta' Settembru 2005, il-Gwardjana Lokali Mariella Micallef kien mitluba tmur tassisti fuq kollizzjoni f'San Pawl il-Bahar fil-hamsa nieqes ghoxrin ta' filghodu. Fuq il-post wasal Gwardjan Lokali iehor u l-imputat instemgha jargunemta mieghu u beda jallega li dan kien qed jaghmel sketch hazin. Wara dar fuq il-Gwardjan 242 u allega maghha li kienet qed tnizzel id-dettalji hazin. Fl-istess hin

dar fuqha u ta daqqa ta' ras fuq wicca u daqqa ta' ponn f'ghajnejha. Ziedet tghid ukoll illi minkejja li baqghet ghaddejja tkejjel il-lok tal-incident, f'hin minnhom l-imputat rega gie fuqha b'girja minn wara u taha daqqa ta' ponn fuq ghonqha u sturdiet u hemm setghet taraf ihebb ghall-Gwardjan 243. Wara dan l-incident l-kwerelanta kellha tiehu kura psikjatricka u fisjoterapija u ghadha qed tistenni appuntamenti ghal-ezamijiet ulterjuri.

Il-Gwardjan 243 ikkonferma dak kollu li qalet il-Gwardjana 242 u zied jelabora li dak il hin l-imputat beda jghedded li ser icempel lil Ministru. Qal ukoll li fuq il-post tfaccaw erba min nies hbieb tal-imputat u wiehed minnhom beda jnizzel ir-roti tal-karozza tal-Gwardjana Lokali u malli staqsieh x'qed jaghmel beda jghajru mignun. Din ix-xhud esebiet certifikati medici u ritratti in sostenn ta' dawn il-griehi.

Fix-xhieda tieghu, Alexander Ebejer, li huwa l-parti l-ohra involuta fil-kollizzjoni jghid illi l-imputat kien hebb ghalih qabel gew il-wardens. Qal ukoll illi meta waslu l-wardens inqala xi disgwid bejnhom u l-imputat u f'hin minnhom gew wicc ma wicc u kien hemm xi ghajjat u rahom jibuttaw lill-xulxin izda ma ra xejn aktar ghaliex wasal missieru fuq il-post u gibdu 'l boghod mix-xena.

L-imputat innega kollox. Qal li hu biedem kalm u qatt ma hebb jew mess xi Gwardjan. Huqa ikkonferma illi kien ilmenta mill-fatt illi l-mod kif kien qed jithejja l-isketch kien qed jiehu t-tort hu meta l-fatti kienu mod iehor peress illi ma kellu l-ebda tort fl-incident. Hu qal li l-warden imbuttatu u hu imuttaha lura u daqshekk u talab lill-Qorti biex temmen il-verzjoni tieghu. Izda l-Qorti bl-ebda mod ma tista temmen din il-verzjoni meta ix-xhieda huma korroborati bil-fatti specie tal-kaz. L-imputat kellu rimedju iehor sabiex jara li l-isketch isir kif suppost u seta cempel anke lill-Pulizija biex jigu jaraw b'ghajnejhom dak li skond hu kien isir.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 338 (dd), (ee), 339 (1) (e) u 96, tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 9; Tastjeni milli timponi il-garanziji skond l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 stante li mhux opportun.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------